**62. Il-Prim Ministru l-Onor. Eddie Fenech Adami jipproponi:**

Billi hemm il-ħtieġa li tinbena "power station" li taħseb għall-bżonnijiet ta' enerġija li jitlob l-iżvilupp mistenni fil-pajjiż kemm fis-setturi kollha ta' l-ekonomija kif ukoll fil-livell ta' l-għajxien tal-poplu Malti;

Billi l-"power station" tal-Marsa ma tista titkabbar u diġa' qegħda tniġġeż b'mod mhux aċċettabbli l-ambjent f'lokal densament abitat.

Billi l-"power station" għandha tinbena f'lokal li jkun adattat għall-effiċjenza ta' l-istess "power station", għandha tiġi evitata kull ħsara lis-saħħa tan-nies, u sakemm hu possibbli, għandu jitħares l-ambjent.

Din il-Kamra wara li rat id-dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Prim Ministru fis-seduta tat-22 ta' Marzu 1988:

Tinnota li ż-żewġ inħawi li fihom għal raġunijiet tekniċi tista' tinbena l-"power station" huma: jew fuq in-naħa tal-Port ta' Marsaxlokk viċin it-tarf ta' "runway" jew fuq in-naħa l-oħra tal-Port ta' Marsaxlokk f'Delimara.

Tqis li l-"power station" m'għandhiex tinbena f'lokal li huwa viċin it-tarf ta' "runway" ta' l-ajruport għaliex dan joħloq periklu ta' inċidenti li jistgħu jheddu l-ħajja kemm tan-nies li jaħdmu fil-"power station" kif ukoll tan-nies li jkunu fuq ajruplani li jitilg]u u jinżlu fl-istess runway, minbarra li jkun hemm periklu għall-"power station" stess.

Tqis ukoll li l-bini ta' "power station" kif imsemmi fil-paragrafu ta' qabel, inaqqas serjament l-effiċjenza ta' l-uniku ajruport f'Malta bi ħsara kbira għall-ekonomija tal-pajjiż, u b'mod partikolari għas-settur tat-turiżmu.

Tiddeċiedi li l-aħjar lokal, meħuda in konsiderazzjoni l-aspetti kollha, fejn għandha tinbena l-"power station" huwa fl-inħawi magħrufa bħala ta' l-Inġinier, f'Delimara.

24.03.1988